

19.2.2014

A7-0034/70

**Emenda 70**

**Antonio Cancian, Carlo Fidanza and others**

**Rapport**

**A7-0034/2014**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – sottopunt -a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(-a) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***'3a. Sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 8(2), l-Istati Membri u, jekk permess mil-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeskludu minn proċeduri ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi organizzati mill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju tagħhom skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe impriża jew operatur ferrovjarju jew kwalunkwe sussidjarja kkontrollata direttament jew indirettament minn impriża ferrovjarja jew il-kumpanija holding tagħha jekk ikunu soddisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) l-impriża ferrovjarja ta' kontroll hija liċenzjata jew il-kumpanija holding ta' kontroll hija stabbilita fi Stat Membru fejn l-awtoritajiet kompetenti mhumiex permessi jaħtu kuntratti ta' servizz pubbliku permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi, u***

***(b) l-impriża ferrovjarja u s-sussidjarji tagħha bbenefikaw minn kuntratti ta' servizz pubbliku mogħtija direttament, li s-sehem tagħhom f'termini ta' valur huwa ogħla minn 50 % tal-valur totali tal-kuntratti kollha ta' servizzi pubbliċi għal servizzi tat-trasport ferrovjarju mogħtija***

AM\1020314MT.doc

PE529.527v01-00

*lil dik l-impriża ferrovjarja u s-sussidjarji tagħha.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "kontroll" tfisser kwalunkwe dritt, kuntratt jew mezz ieħor li, b'mod separat jew b'mod ikkombinat, u fir-rigward ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni relevanti bil-fatti jew bil-liġi, jagħti l-possibilità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq impriża, b'mod partikolari permezz ta':*

*(a) sjieda jew id-dritt tal-użu tal-assi kollha ta' impriża jew parti minnhom;*

*(b) drittijiet jew kuntratti li jikkonferixxu d-dritt li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deliberazzjonijiet tal-organi soċjali ta' dik l-impriża.*

*L-awtorità kompetenti tista' teskludi mill-proċedura ta' sejħa għall-offerti kompetittiva kwalunkwe operatur jew impriża li hija kkontrollata direttament jew indirettament, minn persuna ġurdika jew fiżika jew persuni rreġistrati f'pajjiż terz jew f'pajjiżi terzi, ħliet fejn dak il-pajjiżi jew dawk il-pajjiżi ħadu miżuri li jippermettu li kuntratti ta' servizzi pubbliċi jingħataw permezz ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi lil impriżi ferrovjarji liċenzjati fi Stat Membru.'*

Or. en

19.2.2014

A7-0034/71

**Emenda 71**

**Antonio Cancian, Carlo Fidanza and others**

**Rapport**

**A7-0034/2014**

**Mathieu Grosch**

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri  
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – punt 8 – sottopunt b**

Regolament (KE) Nru 1370/2007

Artikolu 8 – paragrafu 2a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2a. Il-kuntratti ta' servizz pubbliku għat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri li jingħataw bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-2 ta' Diċembru 2019 jistgħu jkomplu sad-data tal-iskadenza tagħhom. Madankollu, jiġri x'jiġri, ma għandhomx ikomplu lil hinn mill-31 ta' Diċembru **2022**.

2a. Il-kuntratti ta' servizz pubbliku għat-trasport ferrovjarju pubbliku tal-passiġġieri li jingħataw bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-2 ta' Diċembru 2019 jistgħu jkomplu sad-data tal-iskadenza tagħhom. Madankollu, jiġri x'jiġri, ma għandhomx ikomplu lil hinn mill-31 ta' Diċembru **2025**.

Or. en